# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**

Minuti tas-seduta numru sebgħa (7), tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-2 ta' Lulju, 2013 fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill fis-6:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Nicholas Briffa | Sindku |
| | Grace Maria Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku Nicholas Briffa ippresjieda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Paul Spiteri qal li l-kunsillier Michel Farrugia kellu attivita' familjari filwaqt li s-Sindku wkoll talab li d-Deputat Sindku Charlene Zammit tkun skużata. Dawn it-talbiet intlaqgħu mill-kunsillieri.

3. Il-KLM kompla bil-ftuħ tal-kwotazzjoni li suppost infetħet fl-4 ta' Ġunju, 2013 tal-manifattura ta' *Book Box*, li fil-verita' hija kaxxa tat-telefon tissakkar biex minnha l-pubbliku jkun jista' jissellef kotba u rivisti ħalli jaqra aktar. Għal din il-kwotazzjoni kien hemm żewġ persuni interessati, l-Inġinier Anton Zarb kif ukoll is-Sur Glenn Pullicino. Kienet magħżula l-orħos waħda dik tas-Sur Glenn Pullicino, li se tinħadem fl-injam tal-aħmar skont l-ispeċifikazzjonijiet li ħareġ il-KLM.

4. Kienu approvati l-minuti tas-seduta numru sitta (6) bil-korrezzjonijiet li pproponew il-kunsillieri waqt il-laqgħa. Dawn aktar tard ġew approvati u ffirmati.

5. Dwar il-pjan tal-immaniġġjar tat-traffiku, is-Sindku qal li hu minkejja li għadna ma ffirmajna l-ebda kuntratt mal-perit, diġa' kellem lill-Perit William Lewis biex jieħu ħsieb jagħmel proposta 'to scale' li kien iddraftja hu stess biex issir *mountable/real roundabout* fi Triq iż-Żurrieq kantuniera ma' Triq Ħal Kirkop.

6. Rigward ir-rotot tat-trasport pubbliku proposti mill-KLM, Nicholas Briffa sostna illi jkun jaqbel li dawn jerġgħu jgħaddu minn Triq Sta Katerina. Għal dan, Paul Spiteri qal illi jkun jaqbel illi nikkonsultaw lir-residenti għax minn Triq Sta Katerina se jonqsu ħafna parkeġġi. Hawn is-SE qal illi kien hemm min avviċinah u talbu illi dawn m'għandhomx għax jitilgħu lejn il-pjazza u jkun jaqbel illi jgħaddu mill-By-Pass. Devjazzjoni oħra li kienet imsemmija hija dik li tibbajpassja il-parti ta' Misraħ il-Fidwa, filwaqt li ssemma' l-periklu li preżentement xi kunsillieri qed jaraw meta l-Arriva tkun qed iddur minn Triq il-Madonna tal-Ġilju għal Pjazza tal-Knisja. Hawn is-Sindku qal li rridu nikkomunikaw ma Transport Malta u ma' l-Onor Joe Mizzi ħalli naraw kif se nibqgħu fuq il-proposta konġunta li saret mal-Kunsill Lokali tal-Qrendi. F'dan il-waqt Paul Spiteri qal li hemm bżonn illi jkunu reġistrati xi lmenti illi dawn mhux qed iżommu mal-orarji tagħhom u wkoll li hija u ġejja mill-Belt Valletta, qed timmissja xi ftit ħinijiet. Grace Marie Mallia qablet miegħu filwaqt li qalet illi anke fil-għodu qed jonqsu l-frekwenzi. Nicholas Briffa qal li qabel jiġu implimentati r-rotot, irridu nagħmlu laqgħa mal-pubbliku.

7. Is-SE qal li bagħtilna l-konferma l-Perit William Lewis li mhux se joħroġ l-ebda kont fuq stimi u lanqas fuq *consultancy fees* filwaqt illi sadanittant bagħtna ninfurmaw lill-*bidders* l-oħra ta' din l-offerta pubblika, bir-*regret letters* kif ukoll bagħtnielhom il-garanzija bankarja lura.

8. Dwar il-proposta li kienet saret mill-KLM biex nerġgħu nissieħbu fil-GAL Xlokk, is-SE qal illi tlabna biex jgħidulna x'inhuma l-obbligazzjonijiet biex nerġgħu ningħaqdu ma' dan il-grupp ta' kunsilli lokali fin-naħa t'isfel ta' Malta.

9. Nicholas Briffa qal li ħa l-Perit William Lewis f'Misraħ il-Fidwa biex jara l-istat tal-*playing field*. Hawn Paul Spiteri talab li l-Perit jagħmlilna stima u pjanti ġodda għal dawk li kien għamel il-Perit Bezzina f'dan is-sit. Hu qal li tajjeb li dawn narawhom ilkoll flimkien, filwaqt li s-Sindku qal li kienet ix-xewqa tal-Perit illi l-passaġġi jsiru bl-*imprint concrete* filwaqt li jinqalgħu kemm iż-żurżieqa kif ukoll il-*merry-go-round* u jinżammu żewġ bandli (*swings*) tat-tfal u tnejn oħra tal-kbar.

10. Is-Sindku irrapporta dwar dak kollu li kien se jseħħ nhar il-Ħadd, 30 ta' Ġunju fir-raħal tagħna fejn konna qed nippjanaw li jiġu jżuruna grupp ta' turisti, permezz tal-*e-Travel Solutions*. Nicholas Briffa qal li l-KLM kien *'at the mercy'* ta' dawk it-turisti li kienu preżenti hawn fil-lukandi u li ma kienux prenotati minn qabel. Hu qal li s-Soċjeta' Sta Marija laħqu għamlu l-ispejjeż ta' €105 f'ikel meta l-grupp ma kienx magħqud. Hu qal li jkun inġust illi dan ma jkunx rifondut mill-KLM filwaqt li kien reġistrat illi permezz ta' xi avviżi li għamilna fil-*media*, ġew diversi residenti u maltin jaraw il-katakombi tal-Mentna għaliex il-KLM ma setax iħassar il-*booking* li kien għamel ma' *Heritage Malta* biex jipprovdulna gwardjan. Nicholas Briffa fakkar fis-*selling price* ta' din l-eskursjoni li kienet se tkun ta' €25 u li minnha kienu se jitħallsu l-gwida €50, il-*coffee break* li kien se jkun organizzat mill-KLM fl-Isptar il-Qadim ta' circa €15, il-ftuħ tal-katakombi €42 u l- ikla fil-każin ta' Sta Marija €10. Nicholas Briffa qal illi għad irid jara l-għajnuna mill-Awtorita' Maltija tat-Turiżmu illi kien wiegħdielna is-Sur Oliver Farrugia waqt laqgħa li kienet saret fil-KLM.

11. Nicholas Briffa wera s-sodisfazzjoni tiegħu talli l-Koperattiva Greenpak innominat il-KLM flimkien ma dak ta' Ħal Safi, waqt preżentazzjoni li saret fil-Bini Amministrattiv tagħha f'Ħal Qormi fil-preżenza tas-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali, l-Onor Jose' Herrera kif ukoll l-Onor Leo Brincat nhar l-20 ta' Ġunju, 2013. Hu attenda għal din is-serata.

12. Nicholas Briffa qal illi l-kors tal-*iKids* li se jkun organizzat mit-TCTC sfortunatament mhux se jsir fl-Imqabba minħabba in-nuqqas ta' parteċipazzjoni li kien hawn wara li dawn inqasmu fi gruppi bl-etajiet. Hu qal li it-TCTC kull sena jinforma 'l kulħadd peremezz tal-*media* illi dan il-kors huwa b'xejn mentri dan ikun se jħallsu l-KLM. Għaldaqstant il-parteċipanti Imqabbin se jinqasmu biex dan il-kors isiru fil-lokalitajiet tas-Siġġiewi u taż-Żurrieq.

13. Dwar il-kors tat-tisjir, is-Sindku qal li dan se jibda' bħal llum ġimgħa u Manuel ta' Aroma Kitchen se joħdilna €30 kull siegħa. Dan se jkun mifrux fuq 5 lezzjonijiet ta' sagħtejn-il waħda, filwaqt li llum ġie jara l-Isptar il-Qadim fejn il-KLM lesta l-bank minn fejn se jsir it-tisjir. Il-kunsillieri irringrazzjaw lis-Sindku talli ipprovda l-*hob* u l-forn, filwaqt li se nużaw il-fridge li hemm fl-Isptar il-Qadim. Il-parteċipazzjoni għal dan il-kors hija waħda tajba.

14. Is-Sindku nforma 'l KLM illi sar it-tindif tal-ġibjun tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma li jinsab fil-By-Pass, mis-Sur Joseph Farrugia.

15. Dwar is-sit elettronika www.mqabba.gov.mt, Nicholas Briffa qal li din jinħtieġ li tiġi aġġornata u ser jiddedika ftit ħin sabiex jagħmel dan flimkien ma' Valerie Galea li tieħu ħsiebha, filwaqt li sar qbil illi l-aħħar kopja tal-fuljett tkun imdaħħla fis-sit www.lc.gov.mt mis-SE nnifsu.

16. Minkejja li t-tifel li għen lill-istudent Sandro Zammit, mhux Imqabbi, l-KLM xorta se jagħtih rikonoxximent fis-serata Ġieh l-Imqabba 2013 flimkien ma' l-istess Sandro Zammit għall-kuraġġ li għandu.

17. Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali laqa' t-talba tagħna u l-attivita' kulurali oriġinalment magħrufa bħala *L-Imqabba mal-Medda taż-Żmien*, issa se tieħu l-isem *Biss bil-Ħila* u din se tkun miżmuma fl-ewwel Ħadd t'Ottubru fil-għodu u mhux l-ewwel Ġimgħa tax-xahar t'Ottubru fil-għaxija. Dan sabiex ma jkunx hemm spejjeż tad-dwal artifiċċjali in vista li d-dipartiment naqqas drastikament il-fondi li se jalloka għal din l-attivita'.

18. Dwar iċ-ċensiment li qed jiġbor il-KLM, se jkun ikkupjat ir-reġistru elettorali u se jinqatgħu dawk kollha li jkunu għaddewlna kopja mimlija. Dan se jsir għal benefiċċju tal-kunsillieri li se jkunu mibgħuta fid-djar jimlew il-kumplament tal-kwestjonarji li jibqgħu ma jinġabrux. Hawn Nicholas Briffa rrefera għal studju li kienet għamlet il-Parroċċa bil-għajnuna tal-*Caritas* fl-2007 fejn qal li dan hu indikattiv dwar data numerika li nġabret f'isem il-Kummissjoni Djakonija.

19. Kienet magħżula l-offerta tad-Denfar Ltd għal provista ta' qsari tal-ħaġar li se jitpoġġew kif ġej: wara l-istage ta' Triq Karmenu Ciantar k/m Sqaq l-Isptar (trid titpoġġa 'il ġewwa), oħra fil-Pjazza tal-Knisja fil-kantuniera fejn iż-żebbuġa fuq il-bankina, u tnejn oħra fejn il-bieb il-prinċipali tad-daħla tal-uffiċċju parrokkjali, ħdejn il-latrina pubblika kif ukoll se titpoġġa oħra fejn il-Każin ta' Sta Marija.

20. Is-SE kien mitlub jitlob lill-MEPA tinvestiga trab itir fl-arja li qed ikun evidenti li jorigina mill-inħawi tas-Sejba speċjalment meta jkun qed jonfoħ ir-riħ lejn l-abitat. Hawn il-KLM qed jitlob jekk dawn l-impriżi għandhomx permess u jekk dawn għandhom, jekk hux qed isir *monitoring* mill-awtoritajiet inkluż dawk tas-Saħħa u Ambjentali.

21. F'punti oħra kien irrappurtat minn Grace Marie Mallia illi fi Triq it-Torri ħiereġ l-ilma barra t-triq, propju quddiem it-torri.

22. Punti oħra kien deċiż illi l-KLM jorganizza transport għal Għar Lapsi li se jkun kollu kemm hu ffinanzjat mill-KLM u jitlaq darba fil-ġimgħa mill-Pjazza tal-Knisja.

23. Is-Sindku qal li minħabba attivita' li kienet se tkun organizzata mill-Parroċċa li imbgħad tħassret, saret manutenzjoni ġenerali fil-*public convenience* li hemm fi Ġnien Tfal ir-Raħal kif ukoll fuq il-*play equipment* li hemm f'dan is-sit. Il-KLM għandu jibqa' jżomm din il-latrina fi stat tajjeb.

24. Il-KLM spiċċa l-laqgħa tiegħu fit-20:45pm. Qabel ġiet aġġoranata l-laqgħa għal seduta oħra, is-Sindku talab lill-kunsillieri jekk ikunx tajjeb li naġġornaw għas-17 ta' Lulju flok għas-16 ta' Lulju minħabba li kellu talba mill-Viċi Sindku għax ser tkun imsiefra. Peress li żewġ kunsillieri kif ukoll is-SE ma setgħux jattendu fis-17 ta' Lulju, ġie deċiż illi l-laqgħa ssir fis-16 ta' Lulju, fil-5:30pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*16/07/2013 minn:* | **Nicholas Briffa**<br>**Sindku** |